# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 08 ta' Frar 2021**

**Talba Nru: 293/2017 JG**
**Numru fuq il-lista: 8**

**Patrick Tanti (K.I. 34272(M))**

**Vs**

**Claudine Azzopardi (K.I. 374476(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2016, permezz ta' liema, l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jiġu ritornat lura numru ta' oġġetti li tħallew għand il-konvenuta u fin-nuqqas jekk dawn m'għadhomx jeżistu jew m'għadhomx

f'kundizzjoni tajba, jiġi rifuż l-valur tagħhom. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali annessa mal-Avviż[1];

Ra r-Risposta għat-Talba ippreżentata fil-11 ta' Awwissu 2017, permezz ta' liema, l-konvenuta iddikjarat li t-talbiet hekk kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u elenkat lista ta' oġġetti li kienu fil-pussess tagħha. Qalet li apparti dawk l-oġġetti ma kellha xejn aktar tal-attur. [2];

Ra d-dokumenti anness kemm mal-Avviż u mar-Risposta u kif ukoll nota li permezz tagħha l-attur ippreżenta aktar dokumenti.

Ra l-affidavit tal-attur[3];

Ra x-xhieda reġistrata mogħtija minn PS 539 Fabian Caruana u d-dokument eżebit[4];

Ra l-affidavit tal-konvenuta[5];

Ra x-xhieda tal-attur in kontro-eżami[6];

Ra l-affidavit ta' Rita Bonnici, omm il-konvenuta[7];

---

[1] A fol 1 *et seq*.
[2] A fol 31 *et seq.*
[3] A fol 37
[4] Mogħtija fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2018.
[5] Jinsab a fol enumerat 26 (jirriżulta li hemm żbalji fil-mod kif ġew mmarkati il-paġni ta' dan il-proċess)
[6] Seduta tas-26 ta' Ottubru 2018.
[7] Ippreżentat fis-seduta indikata f'punt nru 6.

Ra x-xhieda mogħtija mill-konvenuta in kontro-eżami[8];

Ra n-nota konġuntiva tal-partijiet fejn ġew elenkati numru ta' oġġetti ritornati[9];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[10];

Sema x-xhieda ta' Rita Bonnici in kontro-eżami[11];

Ra dak reġistrat fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2020, fejn d-difensuri tal-partijiet qablu lit-trattazzjoni finali ta' din it-talba issir bil-modalitá hemm indikata;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal jibda bir-riassunt tal-provi u l-kunsiderazzjonijiet legali fil-mertu ta' din it-talba, jinħass xieraq li jissofferma ruħu fuq punt proċedurali li ma ssemmiex waqt dawn il-prattikament erba' snin tal-litiġju. Kif ġie senjalat hawn fuq, l-ewwel talba tal-attur hija sabiex jiġu ritornati lilu oġġetti allegatament fil-pussess tal-konvenuta. Ma din it-talba hija wkoll allaċjata t-tieni talba stante li l-attur qiegħed

---

[8] Seduta tal-21 ta' Frar 2020.
[9] Ippreżentata fil-24 ta' Settembru 2020.
[10] Jinsab a fol enumerat (żbaljatament) a fol 71.
[11] Seduta tas-26 ta' Novembru 2020.

jippretendi ħlas ta' l-oġġetti li m'għadhomx jeżistu jew m'għadhomx f'kundizzjoni tajba.

Illi l-konvenuta min-naħa l-oħra baqgħet siekta dwar jekk dan it-Tribunal kienx kompetenti jisma din it-talba u laqgħet biss b'eċċezzjoni fil-mertu.

Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija radikata bid-dispost tal-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan it-Tribunal, waqt l-eżami tal-atti proċesswali ra wkoll li dan it-Tribunal, kif inizjalment presedut ma qajjimx xi punt dwar din il-kwistjoni. Huwa minnu li parti m'għandhiex tkun sorpriża b'xi punt novell li qatt ma jiġi dibattut qabel li tingħata sentenza, iżda minħabba dak li sejjer jintqal iktar l-isfel f'din l-introduzzjoni u bil-mod kif sejjer jimxi issa dan it-Tribunal, l-partijiet m'humiex sejrin isofru dan il-preġudizzju.

Illi t-Tribunal huwa konxju wkoll tal-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-ftit li ilu jopera dan it-Tribunal kif presedut, diġa kellu okkażżjoni jitkellem dwaru.

Illi t-Tribunal iqis peró li, ġialadarba li l-partijiet matul dawn is-snin kollha baqgħu siekta u l-fatt li anke dan it-Tribunal kif preċedentement presedut ma ssollevax dan kollu, iqis mhux biss ma li jkunx ekwu iżda addirittura nġust li dan it-Tribunal, li rċieva l-atti fi stadju daqshekk avvanzat, jagħti ordnijiet li possibbilment jibqgħu itawlu dawn il-proċeduri. Tassew jista jagħti l-każ li kieku kien dan it-Tribunal kif presedut li rċieva l-Avviż tat-Talba hekk kif formulat, possibbilment kien jimxi mod ieħor.

Illi dan it-Tribunal isib komfort ukoll f'ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) minn deċiżjoni ta' dan it-Tribunal[12].

Illi magħmul dan il-punt, t-Tribunal sejjer jissokta sabiex jiddisponi minn din il-vertenza.

Illi l-attur spjega li f'Novembru tas-sena 2013 kienet spiċċat r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u għalhekk huwa rritorna lura fl-appartament tiegħu, peress li kienu qegħdin jgħixu flimkien. Huwa mar lura fil-post, għaliex kellu ċ-ċwievet sabiex jiġbor ħwejġu l-għada li telaq. Spjega li ma setax jiġbor kollox u li ħalla ċ-ċavetta fil-post. Peress li kellu affarijiet ta' ċertu piż, reġa kkonferma mal-konvenuta li seta jmur fil-fond u jiġbor aktar affarijiet. Skond hu peró, l-konvenuta kienet impenjata bix-xogħol. Huwa baqa mingħajr risposta, sakemm waqt li darba minnhom kien sejjer fil-post, iltaqgħa mal-konvenuta barra u reġa staqstieha sabiex jieħu l-affarijiet. Hi infexxet tidħaq u ma weġbitux. Jgħid li għalhekk, f'Marzu tas-sena 2014 huwa għamel rapport l-għassa[13]. Jidher li dan ma solva xejn. Wara dan, beda jikteb lill-konvenuta permezz ta' ittri legali. Fis-sena 2017 imbagħad ppreżenta ittra uffiċjali

[12] Fis-sentenza fl-ismijiet **Montaldo Insurance Agency Ltd Noe Vs Micallef Emanuel Et**, (App Ċivili 94/2005/1), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-3 ta' Ottubru 2007, ġie ritenut hekk: *"Minn ezami tal-linja ta' difiza adottata mis-socjeta` assiguratrici appellanti quddiem it-Tribunal ma jirrizulta minn ebda eccezzjoni illi din issollevat l-inkompetenza, li issa qed tqajjem ghall-ewwel darba fi grad ta' appell. Dan iqieghed quddiem il-Qorti kwestjoni ta' l-istadju ta' lammissibilita` ta' eccezzjoni ritwali; Hu principju procedurali ben assodat illi meta linkompetenza, minn kwalunkwe kawza dipendenti, ma tigix eccepita in limine litis din titqies rinunzjata. Hu veru li l-gudikant ta' l-ewwel grad ghandu l-fakolta li jirrileva d'ufficio l-inkomptenza tieghu, imma la dan ma jaghmlux il-kawza tibqa' radikata quddiemu. Difatti, lanqas ma hi ammessa censura f' sede ta' appell kontra dak il-gudikant ghal dik l-inottemperanza tieghu ma' dak id-dover fakoltattiv jew dik ta' l-"indifferenza" minnu ta' l-ordinament procedurali ghal fatt. Dan ghaliex in mankanza ta' dak ir-riljev d' ufficio l-kompetenza ma tistax titqieghed in diskussjoni"*

[13] Ta min jinnota li dan ir-rapport ġie eżebit diversi drabi f'dawn il-proċeduri.

kontra l-konvenuta. Ġiet eżebita wkoll komunikazzjoni bejn l-avukati tal-partijiet. Jgħid li baqa mingħajr risposta fuq it-talbiet tiegħu u għalhekk fetaħ din il-kawża.

Illi in kontro-eżami mbagħad spjega lir-relazzjoni kienet damet qisu sena. Qabel li l-affarijiet li tagħhom kienu ġew ppreżentati xi rċevuti kienu ilhom għandu għal diversi snin qabel ma beda r-relazzjoni minn mal-konvenuta. Dwar l-ammont li kien ġie indikat ta' €1,338 għal oġġetti, spjega li huwa wasal għal din il-figura mingħajr rċevuti għax kien iddispona minnhom u li kien wasal għal dan l-ammont mill-memorja. Spjega li huwa kien stenna sabiex jagħmel rapport għax baqa jagħti ċans lill-konvenuta. Jgħid li ma kienx sejjer jaqbad u jidħol, li hi ma kienitx hemmhekk u li ċ-ċavetta kienet għandha.

Illi l-konvenuta tispjega wkoll li hija kienet f'relazzjoni mal-attur li dawn għamlu xi 8 xhur jgħixu flimkien fil-fond fejn hija kienet tikri ġewwa Birżebbugia. Tgħid li din ir-relazzjoni spiċċat fis-sena 2013. Tispjega li hi kienet tat kopja taċ-ċavetta tal-post u dan sabiex l-attur jkun jista jieħu l-affarijiet tiegħu. Tispjega li mbagħad l-attur kien ġie jħalli ċ-ċwievet u qalilha li kien hemm xi affarijiet żgħar li kien għad fadallu u li kien sejjer jerġa jgħaddi għalihom. Tgħid li ċemplet lill-attur sabiex tinformaħ li kien hemm xi affarijiet. Tgħid li talbitu diversi drabi sabiex jiġi għal-affarijiet. L-attur, skond hi, kien baqa' jiġri warajha sabiex jerġgħu jkomplu bir-relazzjoni iżda hi rrifjutat. Tgħid li fil-fond kien hemm ukoll affarijiet tas-sid minn għand min kienet tikri. Il-kirja tal-fond spiċċat u meta marret tgħix f'post ieħor tal-ġarr kien mexxa l-affarijiet tagħha. Tgħid li dejjem qalet li kien hemm xi affarijiet tiegħu, iżda hu qatt ma ġie. Terġa tagħmel l-istess lista t'oġġetti li elenkat fir-risposta tagħha. Tgħid ukoll li kien hemm xi affarijiet tal-attur fil-komun tal-blokk u li kien hu li kien ħalliehom hemm. Tiċħad li kien hemm okkażjoni fejn bdiet tidħaq f'wiċċ l-attur iżda tgħid li kien l-attur li dakinhar kien qiegħed isuq warajha waqt li kienet ma' uliedha.

Tgħid li tibqa tikkonferma li hija m'għandha l-ebda affarijiet tal-attur salv dawk li indikat. Ma tafx jekk ħalliex xi affarijiet oħra warajħ.

Illi in kontro-eżami tibqa tikkonferma li m'għandhiex aktar oġġetti salv għal dawk indikati fil-pussess tagħha. Tibqa tinsisti li hi għaddiet iċ-ċwievet lill-attur sabiex jieħu l-affarijiet tiegħu. Tgħid li lanqas taf bihom l-oġġetti kollha mitluba. Tispjega li kien hemm xi affarijiet fil-komun. Illi in re-eżami terġa tikkonferma s-sena u durata tar-relazzjoni. Terġa tispjega li kienet kriet il-post b'xi affarijiet ġo fiħ. Imbagħad fuq diversi mistoqsijiet diretti mit-Tribunal kif diversament presedut ikkonfermat li xi oġġetti, kif dejjem qalet kienu fil-pussess tagħha, u oħrajn mitluba le.

Illi xehdet ukoll omm l-konvenuta Rita Bonnici, li fil-qosor permezz t'affidavit spjegat li kien hemm okkażjoni fejn l-konvenuta kienet għaddiet ċ-ċavetta tal-post fejn kienet tikri sabiex dan imur għal-affarijiet tiegħu. Fil-kontro-eżami tgħid li ma tafx dwar l-eżistenza o meno tal-oġġetti mitluba u li hi ma kienitx tirrisjedi mal-partijiet.

Illi magħmul dan ir-riassunt, jirriżulta verament pależi għal dan it-Tribunal li dan il-litiġju, jekk jista jissejjaħ hekk, seta faċilment jiġi evitat miż-żewġ partijiet. Bi ftit maturitá, dawn il-proċeduri ma kienux jittniedu, u ċertament ma kienux jieħdu dan it-tul.

Illi kif inhu ben magħruf il-prova fil-kamp ċivili jista joxxilla minn parti għal-oħra. Għalhekk fil-ħin li l-parti attriċi tipprova t-teżi tagħha jinkombi mbagħad fuq il-parti

konvenuta li tissostanzja l-eċċezzjonijiet tagħha[14]. Sabiex isir hekk peró l-attur l-ewwel jrid jikkonvinċi bit-teżi tiegħu.

Illi jrid jiġi imfakkar li permezz ta' dak reġistrat fis-seduta tal-21 ta' Frar 2020, din it-talba kompliet biss fuq l-affarijiet li ma kienux sejrin jiġu ritornati. Dan ġie ripetut fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2020 fejn saret referenza għan-nota konġunta.

Illi fuq hekk issa sejjer jiġi deċiż.

Illi jingħad li l-attur ma rnexxielux jikkonvinċi moralment lil dan it-Tribunal li l-oġġetti rimanenti kienu jew huma fil-pussess tal-konvenuta. Min jallega jrid jipprova. Fil-kamp ċivili dan jitqies fuq bażi ta' probbabilitá. Fil-każ odjern anzi, dan il-grad jista wkoll ikun ogħla stante li l-attur qiegħed jaddebita aġir anke ta' natura kriminali fil-konfront tal-konvenuta.

Illi mill-*iter* proċesswali kif senjalat hawn fuq, t-Tribunal jistqarr li ma rrnexilux ineħħi minn moħħ il-ġudikant d-dubju u għalhekk ma jistax jilqa din l-istanza[15]. Dan jingħad, apparti dak li intqal *obiter* diġa, għal diversi raġunijiet.

---

[14] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)**, (App Nru: 7/2010) mogħtija nhar is-7 ta' Mejju 2010, intqal hekk: *"huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu."*

[15] Fis-sentenza fl-ismijiet **Roland Schaffrath vs. Travel TV plc**, (Citazz. Nru. 1962/00 JRM) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata), fit-28 ta` Gunju 2001 fejn intqal hekk: *"l-Qorti trid taghmilha cara li f`kull kawza, l-attur irid jipprova l-kaz tieghu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-ligi tal-procedura u skond il-haqq. Attur ma jistax inehhi minn fuqu dan lobbligu billi jappella ghas-sens ta` hniena jew dehen arbitrali tal-gudikant minghajr ma jaghti hjiel ta` prova ta` dak li qed jitlob."*

Illi fl-ewwel lok l-attur jgħid li huwa ma setax jieħu l-affarijiet għaliex dawn kienu ta' natura kbira (fis-sens li l-oġġetti kienet ta' ċerta dimensjoni u toqol). Peress li kien ħa xi affarijiet personali oħra, ma kellux fejn jgħabbi aktar. Dan it-Tribunal ma jaqbilx miegħu. Ħarsa lejn l-oġġetti rimanenti turi li dawn huma ta' natura żgħira u setgħu jinġarru faċilment. Semmai huma l-oġġetti li hu ħalla fil-post li kienu ta' ċertu statura, bħal *computer tower, DVD player u Tumble Dryer*. Huwa aktar verosmili li ħa l-affarijiet ż-żgħar u żamm fil-fond affarijiet kbar, kif jidher li seħħ.

Illi wkoll t-Tribunal ma jistax ma jinnotax l-intransiġenza da parti tal-attur sabiex jittanta jipproteġi d-drittijiet tiegħu. Jingħad li seħħ rapport xhur konsiderevoli wara li tfarrket ir-relazzjoni. Sussegwentement, dam tlett snin biex imexxi b'din l-istanza wara dan ir-rapport. Għal dan iż-żmien kollu m'għamel xejn.

Illi min-naħa l-oħra il-linja difensjonali tal-konvenuta kienet dejjem unika u konsistenti. Hija tgħid li xi oġġetti kienu baqgħu għandha, għar-raġunijiet imputabbli lill-attur. Fil-fatt, wara dawn is-snin kollha, l-oġġetti indikati minnha ġew mradda lura. It-Tribunal ma jistax ma jinnotax li f'din il-kawża hemm xamma ta' persuna li kienet imnikkta bir-riżultat ta' tkissir ta' relazzjoni.

Illi t-Tribunal ma jistax mingħajr konvinċiment jasal sabiex raġonevolment jgħid li l-oġġetti mitluba kienu jew huma fil-pussess tal-konvenuta.

Illi ġialdaraba t-Tribunal m'huwiex qiegħed jaċċetta l-ewwel talba (fuq l-oġġetti rimanenti) għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, naturalment ma jistax jilqa t-tieni talba (fuq l-oġġetti rimanenti), stante li din hija konsegwenzjali u ċ-ċaħda tal-ewwel, f'dan il-każ, tmewwet it-tieni talba. Peró, madanakollu, t-Tribunal jgħid li anke li kieku

għal-grazzja tal-argument laqa' l-ewwel talba, t-Tribunal ma kienx ikun f'pożizzjoni li b'xi mod jillikwida l-valur tal-oġġetti rimanenti. Fil-fatt, mill-atti jirriżulta li l-unika ħjiel ta' prova ta' valur huma fuq oġġetti li ġew ritornati lill-attur. Fuq il-bqija hemm biss asserzzjoni u suppożizzjoni tal-attur, li b'xi mod jiftakar kemm kienu jiswew ċertu oġġetti numru kbir ta' snin qabel. Rispettosament, t-Tribunal ftit jista jifhem kif l-attur ried li tiġi likwidata somma. L-attur ma jistax jippretendi lit-Tribunal *di sua sponte*, jagħti valur hu, li forsi jikkombaċja mal-figura li huwa jippresumi[16]. Fost l-affarijiet li elenka l-attur, hemm, per eżempju *two cooking books* u *a glass picture frame of the plaintiff's kids*[17]. Dan japplika wkoll għal dawk l-oġġetti li ġew ritornati (stante lit-tieni talba trid ukoll likwidazzjoni jekk dawn ma humiex ta' kundizzjoni tajba) stante li anke hawn, l-attur kien karenti u ommissiv.

Illi mill-assjem tal-provi u l-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, t-Tribunal m'huwiex moralment konvint lit-talbiet tal-attur għandhom jintlaqgħu.

Illi minn dan kollu li ntqal peró, t-Tribunal ma jridx jinftiehem lill-konvenuta ma kellha ebda rwol. Kif anke qalet hi stess fir-risposta tagħha, numru ta' oġġetti kienu fil-fatt għandha, iżda dawn ma ġewx ritornati għaliex ippretendiet li l-attur jiġi jiġborhom. Din fiha innifisha hija ammissjoni. Apparti minn hekk, dak li jidher li seħħ kif indikat fin-nota konġunta tal-partijiet ppreżentata fl-24 ta' Settembru 2020 (aktar minn tlett snin wara l-preżentata ta' din it-Talba), seta faċilment isir snin ilu.

---

16 Fis-sentenza fl-ismijiet **John Abela noe et vs Reuben Micallef**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), App Ċiv Nru: 1704/2005/1, mogħtija fit-30 ta' Jannar 2009, ġie ritenut li: "*Di regola, it-Tribunal ma jindahalx fix-xorta tal-provi li l-parti ghandha ggib. Dan hu mholli fid-disponibilita` u l-inizzjattiva tal-parti li taghmel l-allegazzjoni. Kompitu tat-Tribunal hu dak li jiddeciedi l-kawza in bazi ghall-provi sottoposti ghall-ezami tieghu. Jekk allura l-parti titraskura u, bhal f'dan il-kaz, tonqos li ggib il-prova dokumentali ghad-dizimpenn ta' l-oneru gravanti fuqha biex tissorreggi d-domanda, l-ebda censura ma tista' tigi rinfaccjata lit-Tribunal ta' xi pregudizzju pretestwuz";*
17 A fol 2.

Kellha tkun ordni ta’ dan it-Tribunal kif preċedentement presedut sabiex fl-aħħar twassal għal dan ir-riżultat[18].

Illi għalhekk, t-Tribunal sejjer iqis dan fil-kap tal-ispejjeż, għaliex għalkemm hija regola lill-parti telliefa tbagħti l-ispejjeż kollha, din m’hijiex regola assoluta[19].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħad t-talbiet tal-attur.

Rigwardanti l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri, minħabba dak hawn fuq ikkunsidrat u issa deċiż, kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[18] Verbal tal-21 ta’ Frar 2020.
[19] L-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta’ Malta jgħid hekk: *F’kull deċiżjoni li jagħti l-ġudikatur għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż li xi waħda mill-partijiet ikollha tbati. Sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi speċjali li jitolbu xort’oħra l-parti li titlef il-każ tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż tal-parti l-oħra li favur tagħha jkun inqatta l-każ.*